# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-25 ta' Mejju 2022**

**Rikors Numru : 185/2022 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**FG**

**Vs**

**NT**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' FG, datat 4 ta' April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti u l-intimata zzewgu fis-17 t'Ottubru 1993 [**Dok. A**], mil-liema zwieg ghandhom tlett itfal, ossija S illum mizzewga F li twieldet f'X; R li twieldet f'Y; u H li twieldet f'Z. It-tfal huma lkoll maggorenni, indipendenti u hadd minnhom ma jistudja fuq bazi full-time.*

*Illi l-esponenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono [**Dok. B]**.*

*Illi l-esponenti ilhom aktar minn sena separati de facto, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti. Inoltre bejn l-esponenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment. Dan gie kkonfermat mill-esponenti permezz tal-affidavit tieghu ezebit bhala **Dok. C.***

*Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-*

1. *tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn FG u NT fis-17 t'Ottubru 1993.*
2. *tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 19 ta' Mejju 2022, a fol 14 li taqra hekk:

*Illi l-esponenti tikkonferma l-fatti kif esposti mill-attur u tiddikjara li hija ma ghandhiex oggezzjoni ghad-divorzju stante li ma hemmx pendenzi ta' manteniment u ma hemmx prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet (anness Affidavit tal-esponenti mmarkat bhala Dok NT);*

*Ghaldaqstant l-esponenti ma topponix ghat-talbiet tal-attur li jigi ppronuncjat l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u li l-istess decizjoni tigi registrata mad-Direttur tar-Registru Pubbliku.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' FG datata 23 ta' Mejju 2022; (vide fol 16)

Rat id-dikjarazzjoni tal-avukat difensur tal-intimata nhar il-25 ta' Mejju 2022;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide affidavit a fol 8) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-17 ta' Ottubru 1993 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal, illum maggorenni. Sostna illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar it-23 ta' Marzu 2022. Iddikjara illi ilhom separati de facto ghal aktar minn sena u li mis-separazzjoni sal-lum qatt ma kien hemm u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni. Di piu xehed illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 15) u kkonfermat u kkollaborat dak li xehed zewgha u ziedet illi l-partijiet filfatt ilhom separati de facto 'l fuq minn sentejn.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Il-kontendenti kkonfermaw bil-gurament li huma kienu zzewgu nhar is-17 ta' Ottubru 1993, liema zwieg igib c-certifikat numru 1995/1993 (Vide, certifikat taz-zwieg fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal illum maggorenni u jahdmu.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat it-23 ta' Marzu 2022 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono (Vide fol 4 et seqq). Illi di piu', jirrizulta illi l-partijiet filfatt ilhom separati de facto 'l fuq minn sentejn. Ghalhekk jirrizulta illi l-

kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1995/1993 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**